**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1149/2022 AF**

**Woodlands Investments Limited (C-54434)**

**vs**

**Emanuel Baldacchino**

**u**

**Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C-44700)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Woodlands Investments Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta’ skrittura privata datata fit-2 ta’ Settembru tal-2019, is-socjetà intimata Emanuel Baldacchino & Co Limited giet inkarigata mis-socjetà rikorrenti sabiex tesegwixxi xi xogholijiet ta’ bini fuq is-sit li tinsab gewwa Triq il-Keffa, Swieqi, kif ahjar deskritt fil-kuntratt (Dok. A).

Ghal dawn ix-xogholijiet, is-socjetà rikorrenti hallset is-somma totali ta’ €207,150 (Dok. B).

Madanakollu, wara li l-perit tas-socjetà rikorrenti ccertifikat ix-xoghol imwettaq mis-socjetà intimata, irrizulta illi l-esponenti hallset zejjed is-somma ta’ €93,158 (Dok. C). Fil-fatt, l-intimat Emanuel Baldacchino qabel illi l-esponenti trid tithallas lura dan l-ammont, u b’hekk iffirma ghalih hu (Dok. D).

Dan l-ammont gie anke konfermat mill-intimat Baldacchino permezz ta’ skrittura ohra fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia datat fit-13 ta’ Ottubru 2022 (Dok. E).

Is-socjetà esponenti kelmet lill-intimati diversi drabi sabiex ihallsu, izda l-intimati baqghu inadempjenti u qatt ma hallsu dan l-ammont lill-esponenti.

B’hekk, is-socjetà esponenti hija kreditrici tal-intimati fl-ammont kumplessiv ta’ tlieta u disghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro (€93,158), liema ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut – dan apparti l-imghax ulterjuri skond il-ligi.

Dawn il-proceduri qeghdin jigu intavolati ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ‘il ghaliex l-intimati, sa fejn taf is-socjetà rikorrenti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu u ghaldaqstant il-kawza tista’ tigi deciza ai termini tal-istess Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Paul Cachia ghan-nom tas-socjetà Woodlands Investments Limited, jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lill-intimati, sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma kumplessiva ta' tlieta u disghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro (€93,158), kif fuq spjegat.

Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawza, kontra l-intimati illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, Emanuel Baldacchino u Emanuel Baldacchino & Co. Limited, gew debitament notifikati. Ma ressqu ebda nota skond il-ligi sabiex jittentaw jikkontestaw il-kawza.

Rat li fis-seduta deher Emanuel Baldacchino mhux assistit. Il-Qorti semghetu u ma rrizulta b'ebda mod li jista' jkollu eccezzjonijiet validi xi jressaq u ghalhekk il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Rat illi t-talbiet tas-socjetà attrici huma gustifikati u ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi, kemm bil-gurament ta' Paul Cachia kif ukoll bid-dokumenti minnu pprezentati.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjetà rikorrenti is-somma ta’ tlieta u disghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro (€93,158), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG